A.L. 44 ta' l-2008

ATT DWAR L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR IR-RIŻORSI (KAP. 423)

ATT DWAR L-AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA (KAP. 352)

ATT DWAR IL-BASTIMENTI MERKANTILI (KAP. 234)

REGOLAMENTI TA' L-2008 DWAR IL-KWALITÀ TAL-KARBURANTI

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija permezz tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 28 ta' l-Att dwar l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi u bis-saħħa tas-setgħat mogħtija, permezz tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 28 ta' l-Att dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta u mis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 374 ta' l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili, il-Ministru tar-Riżorsi u l-Infrastruttura u l-Ministru għall-Kompetittività u l-Kompetizzjoni, wara konsultazzjoni ma' l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi u l-Awtorità Marittima ta' Malta, għamlu dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu, skop u dħul fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2008 dwar il-Kwalità tal-Karburanti.

(2) L-iskop ta' dawn ir-regolamenti hu li jirregola il-kwalità tal-karburanti f'Malta u biex tiġi trasposta d-Direttiva 93/12/KEE, id-Direttiva 1999/32/KE, id-Direttiva 2005/33/KE, id-Direttiva 98/70/KE u d-Direttiva 2003/17/KE.

(3) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għar-riżorsi u l-Ministru responsabbli għall-bastimenti jistabbilixxu b'avviż fil-Gazzetta, u dati differenti jistgħu jiġu hekk stabbiliti għal disposizzjonijiet differenti u għanijiet differenti ta' dawn ir-regolamenti.

Tifsiriet.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:-

"Anness VI għall-MARPOL" tfisser l-Anness, intitolat Regolamenti għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis ta' l-Arja mill-Bastimenti, li l-Protokoll ta' l-1997 iżid mal-MARPOL;

"Awtorità kompetenti" tfisser l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi u l-Awtorità Marittima ta' Malta skond ir-responsabbilitajiet rispettivi tagħhom u kif maqbul bejniethom;

"Awtorità Marittima ta' Malta" tfisser l-Awtorità Marittima ta' Malta mwaqqfa taħt l-artikolu 3 ta' l-Att dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta;

Kap. 352.

"Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar" tfisser l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar imwaqqfa taħt l-artikolu 3 ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp;

Kap.423.

Kap.356.

"Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi" tfisser l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi mwaqqfa taħt l-artikolu 3 ta' l-Att dwar l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi;

"bastimenti rmiġġati" tfisser bastimenti li jkunu sorġuti jew ankrati ġewwa port f'Malta filwaqt li jgħabbu, jħottu jew ikunu stazzjonarji, inkluż il-ħin li fih ma jkunux involuti fl-operazzjonijiet ta' tagħbija;

"bastiment tal-passiġġieri" tfisser bastiment li jġorr aktar minn tnax-il passiġġier;

"bastiment tal-gwerra" tfisser bastiment li huwa parti mill-forzi armati ta' xi Stat li jkollu marki esterni li jiddistingwu lil bastimenti bin-nazzjonalità tiegħu, taħt il-kmand ta' uffiċjal li jkun debitament imqabbad mill-Gvern ta' l-Istat u li ismu jkun jidher fil-lista adatta tas-servizz jew fl-ekwivalenti tagħha, u li jkun ekwipaġġat b'persunal taħt id-dixxiplina tal-forzi armati regolari;

G.O. L 74, 27.3.93, p. 81.

"Direttiva 93/12/KEE" tfisser id-Direttiva tal-Kunsill 93/12/KEE tat- 23 ta' Marzu 1993 dwar il-kontenut tal-kubrit f'xi karburanti likwidi;

G.O. L 350, 28.12.98, p. 58.

"Direttiva 98/70/KE" tfisser id-Direttiva 98/70/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 1998 dwar il-kwalità tal-kombustibbli tal-*petrol* u tad-*diesel* u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/12/KEE;

G.O. L 121, 11.5.1999, p. 13.

"Direttiva 1999/32/KE" tfisser id-Direttiva tal-Kunsill"1999/32/KE tas-26 ta' April 1999 fir-rigward ta' tnaqqis fil-kontenut tal-kubrit f'ċerti karburanti likwidi u li temenda d-Direttiva 93/12/KE;

"Direttiva 2001/80/KE" tfisser id-Direttiva 2001/80/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2001 dwar il-limitazzjoni ta' l-emissjonijiet ta' ċertu tniġġis fl-arja minn impjanti tal-kombustjoni kbar ;

"Direttiva 2003/17/KE" tfisser id-Direttiva 2003/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Marzu 2003 li temenda d-Direttiva 98/70/KE dwar il-kwalità tal-karburanti tal-petrol u tad-*diesel*; G.O. L 76, 22.03.2003, p. 10.

"Direttiva 2005/33/KE" tfisser id-Direttiva 2005/33/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2005 li temenda d-Direttiva 1999/32/KE dwar il-kontenut ta' kubrit f'karburanti għal użu marittimu;

"EN 228" tfisser il-ħtiġijiet u l-metodi ta' ttestjar speċifikati mill-*European Committee for Standardization* f'dak li għandu x'jaqsam mal-kwalità tal-petrol mingħajr ċomb għall-użu awtomotiv; G.O. L 191, 22.07.2005, p. 59.

"EN 590" tfisser"il-ħtiġijiet u l-metodi ta' ttestjar speċifikati mill-*European Committee for Standardization* f'dak li għandu x'jaqsam mal-kwalità tal-karburant *diesel* għall-użu awtomotiv;

"impjant tal-kombustjoni", "impjant ġdid" u "impjant eżistenti" għandu jkollhom l-istess tifsiriet bħal fir-Regolamenti ta' l-2002 dwar il-Limitazzjoni ta' Ħruġ fl-Arja ta' xi Sustanzi li Jniġġsu minn Impjanti Kbar tal-Kombustjoni;

"ISO 4259 (1992)" tfisser il-metodu speifikat mill-*International Organization for Standardisation* f'dak li għandu x'jaqsam mad-determinazzjoni u l-applikazzjoni ta' *precision data* u f'dak li għandu x'jaqsam mal-metodi ta' testijiet ta' prodotti tal-*petroleum*; A.L. 329 ta' l-2002.

"ISO 8754 (1992)" tfisser"il-metodu speifikat mill-*International Organization for Standardisation* f'dak li għandu x'jaqsam mad-determinazzjoni tal-kontenut tal-kubrit fil-prodotti tal-*petroleum* bl-użu tal- *Energy-dispersive X-ray fluorescence method*;

"ISO 14596 (1998)" tfisser il-metodu speifikat mill-*International Organization for Standardisation* f'dak li għandu x'jaqsam mad-determinazzjoni tal-kontenut tal-kubrit fil-prodotti tal-*petroleum* bl-użu tal- *Wavelength-dispersive X-ray fluorescence spectrometry method*; Kap. 234.

"kaptan" għanda jkollha l-istess tifsira bħal taħt l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili;

"karburant għal użu marittimu" tfisser kull karburant likwidu derivanti miż-żejt maħsub għal użu jew użat abbord xi bastiment, inklużi dawk il-karburanti definiti fl-ISO 8217;

"karburanti *diesel*" tfisser żjut tal-gass li jaqgħu taħt il-kodiċi CN 2710 19 41 kif imfissra mir-Regolament (KEE) 2658/87 u li jintużaw għal vetturi li jimxu bil-qawwa tagħhom;

"Kodiċijiet CN" tfisser in-numri tal-Kodiċijiet tan-nomenklatura magħquda tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali stabbilita bir-Regolament 2658/87**;**

"il-Komunità" tfisser il-Komunità Ewropea mwaqqfa bit-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ekonomika Ewropea iffirmat fil-25 ta' Marzu, 1957;

"il-Kummissjoni" tfisser il-Kummissjoni Ewropea mwaqqfa bl-artikolu 7 tat-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea iffirmat fil-25 ta' Marzu, 1957;

"makkinarju mobbli mhux stradali" għandu jkollha l-istess tifsira bħal fir-Regolamenti ta' l-2001 dwar Miżuri Kontra l-Emissjoni ta' Tniġġis ġej minn Gass u Partielli Żgħar minn Magni ta' Kombustjoni Interna (Makkinarju Mobbli mhux Stradali);

"MARPOL" tfisser il-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis mill-Bastimenti, 1973, kif modifikata bil-Protokoll ta' l-1978 marbut magħha;

"metodi ASTM" tfisser dawk il-metodi msemmija fl'*American Society for testing and Materials in the 1976 edition of standard definitions and specifications for petroleum and lubricating products*;

"metodu EN 24260 (1987)" tfisser il-metodu speċifikat mill-*European Committee for Standardization* f'dak li għandu x'jaqsam mad-determinazzjoni tal-kontenut ta' kubrit fil-prodotti tal-petroleum meta jiġi użat il-metodu ta' kombustjoni *Wickbold*;

"OMI" tfisser l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali mwaqqfa mill-Konvenzjoni dwar l-Organizzazzjoni Konsultativa Intergovernattiva, adottata mill-Konferenza

Marittima tal-Ġnus Magħquda f'Ġinevra fis-6 ta' Marzu 1948, u kif emendata;

"passiġġier" tfisser kull persuna li ma tkunx:

(a) il-kaptan u l-membri ta' l-ekwipaġġ jew xi persuna oħra impjegata jew ingaġġata f'xi xogħol abbord bastiment fix-xogħol ta' dak il-bastiment, u

(b) tarbija taħt l-età ta' sena;

"port" għandu jkollu l-istess tifsira mogħtija bl-artikolu 2 ta' l-Att dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta;

"petrol" tfisser kull żejt minerali li jisvinta intiż għat-tħaddim ta' magni b'kombustjoni interna *positive-ignition* għall-propulsjoni ta' vetturi u li qiegħed fil-parametri tal-kodiċijiet 2710 11 41, 2710 11 45, 2710 11 49, 2710 11 51 u 2710 11 59 kif imfissra fir- Regolament (KEE) 2658/87; G.O. L 324, 29.11.2002, p. 1.

"Regolament (KE) Nru. 2099/2002" tfisser ir-Regolament (KE) Nru. 2099/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi Kumitat fuq Ibħra Siguri u l-Prevenzjoni ta' Tniġġis mill-Vapuri (COSS) u jemenda r-Regolamenti fuq is-sigurtà marittima u l-prevenzjoni ta' tniġġis minn vapuri;

"Regolament (KEE) Nru. 2658/87" tfisser ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffi u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni, kif emendat, u għandu jinkludi l-Annessi ta' ma' dan ir-regolament; G.O. L 256, 7.9.1987, p. 1.

"servizzi regolari" tfisser sensiela ta' vjaġġi ta' bastiment tal-passiġġieri magħmula sabiex jaqdu l-bżonnijiet tat-traffiku bejn l-istess żewġ portijiet jew aktar, jew sensiela ta' vjaġġi minn u sa l-istess port mingħajr waqfien intermedji:

(i) skond itinerarju pubblikat; jew

(ii) bi traversati tant regolari jew frekwenti li jikkostitwixxu skeda rikonoxxibbli;

"teknoloġija li tnaqqas l-emissjonijiet" tfisser xi sistema li tnaddaf il-gass ta' l-*exhaust*, jew kull metodu teknoloġiku ieħor li huwa verifikabbli u nforzabbli;

"Stat Membru" tfisserl Stat Membru tal-Komunità;

"tqegħid fis-suq" tfisser il-forniment jew il-prokura ta' karburanti għal użu marittimu għall-kombustjoni abbord, lil terzi persuni, bi ħlas jew b'xejn, fi kwalunkwe parti fil-ġurisdizzjonijiet ta' l-Istati Membri. Din teskludi il-forniment jew il-prokura ta' karburanti għal użu marittimu għall-esportazzjoni f'tankijiet tat-tagħbija tal-bastimenti;

"vettura" għandha l-istess tifsira mogħtija lilha bir-regolament 3.1.4. bir-Regolamenti ta' l-2002 dwar Approvazzjoni tat-Tip ta' Vetturi bil-Mutur;

A.L. 95 ta' l-2002.

"żejt *diesel* għal użu marittimu" tfisser kull karburant għal użu marittimu li għandu viskożità jew densità li taqa' fil-parametri tal-viskożità jew densità definiti għall-gradi DMB u DMC fit-Tabella I ta' l-ISO 8217;

"żejt tal-gass" tfisser:

(a) kull karburant likwidu derivanti miż-żejt, eskluż il-karburant għal użu marittimu, li jaqa' taħt il-kodiċi CN 2710 19 25, 2710 19 29, 2710 19 45 jew 2710 19 49; jew

(b) kull karburant likwidu derivanti miż-żejt, eskluż il-karburant għal użu marittimu, li minnu anqas minn 65 % fil-volum (inkluż it-telf) jiddistilla mal-250 °C u li minnu ta' lanqas 85 % fil-volum (inkluż it-telf) jiddistilla mat-350 °C bil-metodu ASTM D86:

Iżda ma tinkludix:

(i) karburanti *diesel*; jew

(ii) karburant użat f'makkinarju mobbli li ma jintużax fit-triq u tratturi agrikoli;

"żejt tal-gass għal użu marittimu" tfisser kull karburant għal użu marittimu li għandu viskożità jew densità li taqa' fil-parametri tal-viskożità jew densità definiti għall-gradi DMX u DMA fit-Tabella I ta' l-ISO 8217;

"żejt tal-karburanti tqil" tfisser:

(a) kull karburanti likwidu miksub mill-*petroleum* li jaqa' taħt il-Kodiċi CN 2710 19 51 sa 2710 19 69 kif imfissra fir-Regolament (KEE) 2658/87; u

(b) kull karburanti likwidu miksub mill-*petroleum*, minbarra żejt tal-gass li, minħabba fil-limiti tad-distillazzjoni tiegħu, jaqa' fil-kategorija ta' żjut tqal intenzjonati għall-użu bħala karburant u li minnhom ta' l-inqas 65% bil-volum (inkluż kull telfien) jiddistilla f'temperatura ta' 250°C bil-metodu ASTM D86:

Iżda li, jekk id-distillazzjoni ma tkunx tista' tiġi determinata bil-metodu ASTM D86, il-prodott tal-*petroleum* jista' jiġi ukoll meqjus bħala żejt tal-karburanti tqil;

"żona kontigwa" tfisser dik iż-żona msemmija fl-artikolu 4 ta' l-Att dwar l-Ibħra Territorjali u ż-Żona Kontigwa. Kap.226.

"żoni ta' kontroll ta' l-emissjonijiet So_x" tfisser żoni ta' baħar definiti bħala tali mill-IMO fl- Anness VI għall-MARPOL;

3. Il-limitazzjonijiet stabbiliti b'dawn ir-regolamenti fuq il-kontenut ta' kubrit f'ċerti karburanti likwidi miksubin mill-*petroleum* m'għandhomx japplikaw għal: Limitazzjonijiet.

(a) karburanti maħsuba għal skopijiet ta' riċerka u ttestjar;

(b) karburanti maħsuba għall-ipproċessar qabel il-kombustjoni finali;

(ċ) karburanti li għandhom jiġu proċessati fl-industrija tar-raffinazzjoni;

(d) karburanti użati minn bastimenti tal-gwerra u bastimenti oħra f'servizz militari:

Iżda dawn il-bastimenti għandhom, sa fejn dan ikun raġonevoli u prattiku, joperaw b'mod konsistenti, ma' dawn ir-regolamenti.

(e) kull użu ta' karburant f'bastiment meħtieġ għall-iskop speċifiku tal-protezzjoni tas-sigurtà ta' bastiment jew biex tiġi salvata l-ħajja fuq il-baħar;

(f) kull użu ta' karburant f'bastiment meħtieġ minħabba f'xi danni mġarrba minnu jew mit-tagħmir tiegħu:

(i) meta s-sid jew il-kaptan ma jkunx aġixxa xjentement jew bi traskuraġni; u

(ii) jekk il-miżuri raġonevoli kollha jittieħdu wara l-okkorrenza tad-dannu sabiex jipprevjenu jew jimminimizzaw emissjonijiet eċċessivi; u

(iii) jittieħdu miżuri kemm jista' jkun malajr għat-tiswija tad-dannu.

(g) karburant użat abbord bastimenti li jimpjegaw teknoloġiji approvati li jnaqqsu l-emissjonijiet skond ir-regolament 15 ta' dawn ir-regolamenti.

Petrol.

4. (1) Ħadd ma jista' juża, jbiegħ, joffri għall-bejgħ jew xort'oħra jqiegħed fis-suq petrol biċ-ċomb:

Iżda li l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi tista' tħalli li jsir il-bejgħ, l-offerta għall-bejgħ jew li xort'oħra jitqegħdu fis-suq ta' kwantitajiet żgħar ta' petrol biċ-ċomb, sa massimu ta' 0.5% tal-bejgħ totali, biex jintuża minn vetturi antiki ta' bixra karatteristika u li jiġi distribwit minn gruppi ta' interess spejalistiku:

Iżda wkoll li l-kontenut taċ-ċomb ta' dan il-petrol biċ-ċomb ma jistax jeċċedi l-0.15g/l u li l-kontenut tal-*benzene* għandu jikkonforma ma' l-ispeċifikazzjonijiet imsemmija fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

(2) Petrol mingħajr ċomb jista' jiġi użat, jinbiegħ, jiġi offrut għall-bejgħ jew xort'oħra jitqiegħed fis-suq biss jekk jikkonforma ma' l-ispeċifikazzjonijiet imsemmija fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

(3) Mingħajr ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subregolament (2), sa u mhux iżjed mill-31 ta' Diembru 2008, il-petrol mingħajr ċomb li jikkonforma ma' l-ispeċifikazzjonijiet imsemmija fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti iżda b'kontenut ta' kubrit ta' mhux iżjed minn 50mg/kg jista' ukoll jinbiegħ, jiġi offrut għall-bejgħ jew xort'oħra jitqiegħed fis-suq:

Iżda sal-31 ta' Diembru 2008 il-petrol mingħajr ċomb li jikkonforma għal kollox ma' l-ispeċifikazzjonijiet ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti għandu ukoll jinbiegħ, jiġi offrut għall-bejgħ jew xort'oħra jitqiegħed fis-suq.

(4) Kull persuna li tonqos milli tikkonforma ruħha ma' xi disposizzjoni ta' dan ir-regolament tkun ħatja ta' reat u tista' teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux inqas minn għaxart elef

euro (€10,000) iżda mhux iżjed minn disgħa' u sittin elf u tmien mitt euro (€69,800) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tmintax-il xahar jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kombustibbli Diesel.

5. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subregolament (2), il-kombustibbli *diesel* jista' jintuża, jinbiegħ, jiġi offrut għall-bejgħ jew xort'oħra jitqiegħed fis-suq jekk ikun jikkonforma ma' l-ispeċifikazzjonijiet ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

(2) Il-kombustibbli *diesel* li jikkonforma ma' l-ispeċifikazzjonijiet imsemmija fit-Tieni Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti iżda b'kontenut ta' kubrit ta' mhux iżjed minn 50mg/kg jista' jintuża, jinbiegħ, jiġi offrut għall-bejgħ jew xort'oħra jitqiegħed fis-suq sa u mhux iżjed mill-31 ta' Diembru 2008.

(3) Żjut tal-gass intiżi għal makkinarju mobbli mhux stradali u tratturi agrikoli u tal-foresti jistgħu biss jintużaw, jinbiegħu, jiġi offruti għall-bejgħ jew xort'oħra jitqgħedu fis-suq biss jekk ikollhom inqas minn 1,000 mg/kg. ta' kubrit.

(4) Kull persuna li tonqos milli tikkonforma ruħha ma' xi disposizzjoni ta' dan ir-regolament tkun ħatja ta' reat u tista' teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux inqas minn għaxart elef euro (€10,000) iżda mhux iżjed minn disgħa u sittin elf u tmien mitt euro (€69,800) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tmintax-il xahar jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Konformità ma' ħtiġiet.

6. (1) L-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi għanda tiżgura konformità mal-ħtiġiet tar-regolamenti 4 u 5, għar-rigward tal-kombustibbli petrol u *diesel,* permezz tal-metodi analitiċi msemmija fl-istandards MSA EN 228:2004 u MSA EN 590:1999 rispettivament.

(2) L-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi għanda twaqqaf sistema ta' monitoraġġ tal-kwalità tal-kombustibbli skond il-ħtiġiet ta' standards applikabbli, filwaqt li tista' tuża ukoll sistema alternattiva ta' monitoraġġ tal-kwalità tal-kombustibbli jekk din tagħti riżultati ta' l-istess livell.

(3) Sa l-aħħar ta' April ta' kull sena, l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi għandha tagħti lill-Ministru responsabbli għar-riżorsi rapport fuq:

(a) id-*data* Nazzjonali tal-kwalità tal-kombustibbli għas-sena kalendarja preċedenti, li l-*format* tiegħu jkun skond ma jkun imsemmi fl-i*standard* Ewropew applikabbli;

(b) il-volumi totali ta' petrol u kombustibbli *diesel* li tqiegħdu fis-suq f'Malta u l-volumi ta' *petrol* mingħajr ċomb u kombustibbli *diesel* li tqiegħdu fis-suq b'kontenut massimu ta' kubrit ta' 10mg/kg;

(ċ) dwar id-disponibbiltà bbażata ġeografikament u bbilanċjata kif suppost ta' *petrol* u kombustibbli *diesel* b'kontenut massimu ta' kubrit ta' 10mg/kg li jitqegħdu fis-suq f'Malta.

Kontenut massimu ta' kubrit fiż-żjut tal-karburanti tqal.

7. (1) L-użu ta' żjut karburanti tqal ġewwa Malta li l-kontenut ta' kubrit tagħhom jeċċedi l-1 % skond il-massa huwa projbit.

(2) Bla ħsara għas-sorveljanza adegwata ta' l-emissjonijiet mill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, is-subregolament (1) m'għandux japplika għal żjut karburanti tqal użati:

(a) f'impjanti ta' kombustjoni ġodda li jikkonformaw mal-limiti ta' emissjoni ta' diossidju tal-kubrit stabbiliti għal dawk l-impjanti stipulati fl-Anness IV tar-Regolamenti ta' l-2002 dwar il-Limitazzjoni ta' Ħruġ fl-Arja ta' xi Sustanzi li Jniġġsu minn Impjanti tal-Kombustjoni Kbar, u applikati skond ir-regolament 5 ta' dawk ir-Regolamenti;

(b) f'impjanti ta' kombustjoni eżistenti fejn l-emissjonijiet tad-diossidju tal-kubrit minn dawn l-impjanti huma ugwali għal, jew anqas minn 1,700 mg/Nm^3 f'kontenut ta' ossiġenu fil-*flue gas* ta' 3 % bil-volum fuq bażi xotta, u fejn l-emissjonijiet ta' diossidju tal-kubrit huma ugwali, jew anqas, minn dawk li jirriżultaw mill-osservanza tal-valuri ta' limiti ta' l-emissjonijiet imposti għal impjanti ġodda msemmija fil-Parti A ta' l-Anness IV tar-Regolamenti ta' l-2002 dwar il-Limitazzjoni ta' Ħruġ fl-Arja ta' xi Sustanzi li Jniġġsu minn Impjanti tal-Kombustjoni Kbar;

(ċ) f'impjanti ta' kombustjoni oħra, li ma jaqgħux fl-ambitu tal-paragrafu (a) jew il-paragrafu (b), fejn l-emissjonijiet ta' diossidu tal-kubrit minn dawk l-impjanti ma jeċċedux l-1,700 mg/Nm^3 f'kontenut ta' ossiġenu fil-*flue gas* ta' 3 % bil-volum fuq bażi xotta;

(d) għall-kombustjoni f'raffineriji, fejn il-medji ta' emissjonijiet kull xahar ta' diossidu tal-kubrit meta mkejla mal-medja ta' l-impjanti kollha fir-raffinerija, irrispettivament mit-tip ta' karburant jew kombinazzjoni ta' karburanti użati ma teċċediex l-1,700 mg/Nm^3:

Iżda dan ma għandux japplika għall-impjanti ta' kombustjoni li jaqgħu taħt il-paragrafu (a) jew (b) ta' dan is-subregolament.

(3) Kull persuna li tonqos milli tikkonforma ruħha ma' xi disposizzjoni ta' dan ir-regolament tkun ħatja ta' reat u tista' teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux inqas minn għaxart elef euro (€10,000) iżda mhux iżjed minn disgħa u sittin elf u tmien mitt euro (€69,800) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tmintax-il xahar jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kontenut massimu ta' kubrit fiż-żjut tal-gass.

8. (1) L-użu ta' żjut tal-gass, inkluż żjut tal-gass għall-użu marittimu li l-kontenut tal-kubrit tagħhom ikun jaqbeż iż-0.1% bil-massa huwa projbit:

(2) Kull persuna li tonqos milli tikkonforma ruħha mas-subregolament (1) tkun ħatja ta' reat u tista' teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux inqas minn għaxart elef euro (€10,000) iżda mhux iżjed minn disgħa u sittin elf u tmien mitt euro (€69,800) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tmintax-il xahar jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kontenut massimu ta' kubrit fil-karburanti għal użu marittimu wżati f'żoni ta' Kontroll ta' l-Emissjonijiet SOx u minn bastimenti tal-passiġġieri li joperaw b'servizzi regolari sa u minn portijiet fil-Komunità Ewropea.

9. (1) L-użu ta' karburanti għal użu marittimu b'kontenut ta' kubrit li jaqbeż l-1.5 % bil-massa fiż-żoni ta' l-ibħra territorjali, ibħra interni u f'żoni ta' kontroll tat-tniġġis li jaqgħu f'żoni ta' Kontroll ta' l-Emissjonijiet So_x huwa projbit. Dan għandu japplika għall-bastimenti kollha li jtajru kull bandiera, inklużi l-bastimenti li jibdew il-vjaġġ tagħhom minn barra l-Komunità. It-tqegħid fis-suq f'Malta ta' żjut *diesel* għal użu marittimu b'kontenut ta' kubrit li jkun jaqbeż il-1.5 % bil-massa huwa ukoll projbit.

(2) Id-data tal-bidu ta' l-applikazzjoni tas-sub-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament għandu jkun ta' 12-il xahar wara l-indikazzjoni mill-OMI ta' Żoni ta' Kontroll ta' l-Emissjonijiet SO_x skond ir-regolament 14(3)(b) ta' l-Anness VI mal-MARPOL.

(3) Is-subregolament (1) ta' dan ir-regolament għandu jkun applikabbli għal:

(a) bastimenti li jtajru l-bandiera Maltija; u

(b) bastimenti li jtajru kull bandiera waqt li jkunu fil-portijiet Maltin, jekk dawn il-portijiet jikkonfinaw ma' xi żoni ta' Kontroll ta' l-Emissjonijiet SO_x:

Iżda li tista' tittieħed azzjoni addizzjonali ta' infurzar mill-Awtorità kompetenti fir-rigward ta' bastimenti oħra skond il-liġi marittima internazzjonali.

(4) Karburanti għal użu marittimu b'kontenut ta' kubrit li jaqbeż l-1.5 % fil-massa ma jistgħux jintużaw fl-ibħra territorjali Maltin, fl-ibħra interni u fiż-żoni ta' kontroll tat-tniġġis minn bastimenti tal-passiġġieri li joperaw b'servizzi regolari sa u minn kull port Komunitarju.

(5) Il-kaptani għandhom jagħmlu l-ikkompletar korrett tal-ġurnal uffiċjali ta' abbord, inklużi d-dettalji ta' l-operazzjonijiet tal-bdil tal-karburant, bħala kundizzjoni għad-dħul tal-bastiment fil-portijiet Maltin.

Fornituri ta' karburant għal użu marittimu

10. (1) L-Awtorità kompetenti għanda żżomm reġistru ta' fornituri lokali ta' karburant għal użu marittimu.

(2) Id-dispożizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw għar-rigward tal-fornituri lokali ta' karburant għal użu marittimu f'Malta:

(a) il-kontenut ta' kubrit fil-karburanti għal użu marittimu f'Malta għandu jiġi ddokumentat lill-Awtorità kompetenti mill-fornitur fuq nota ta' kunsinna tal-*bunker*, flimkien ma' kampjun issiġillat iffirmat mir-rappreżentant tal-vapur li rċieva l-kunsinna;

(b) kull fornitur ta' karburant għal użu marittimu għandu jiżgura li l-karburant li jforni jkun jikkonforma ma' l-ispeċifikazzjoni ddikjarata fin-nota ta' kunsinna tal-*bunker* imsemmija fil-paragrafu (b) ta' dan is-subregolament.

(3) Kull persuna li tonqos milli tikkonforma ruħha ma' s-subregolament (2) ta' dan ir-regolament tkun ħatja ta' reat u tista' teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux inqas minn għaxart elef euro (€10,000) iżda mhux iżjed minn disgħa u sittin elf u tmien mitt euro (€69,800) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tmintax-il xahar jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Teħid ta' kampjuni.

11. (1) It-teħid ta' kampjuni għandu jitwettaq mill-awtorità kompetenti b'dik il-frekwenza meħtieġa u hekk li l-kampjuni jkunu rappreżentattivi tal-karburanti li jkun qed jiġi eżaminat.

(2) Il-metodu ta' referenza adottat mill-Awtorità kompetenti sabiex jiġi determinat il-kontenut ta' kubrit ikun dak imfisser skond:

(a) il-metodu ISO 8754 (1992) u PrEN ISO 14596 għaż-żejt karburant tqil u karburanti għal użu marittimu;

(b) Il-metodu EN 24260 (1987), ISO 8754 (1992) u PrEn ISO 14596 għal żejt tal-gass.

Il-metodu arbitrarju jkun il-PrEN ISO 14596. L-interpretazzjoni statistika tal-verifika tal-kontenut tal-kubrit fiż-żjut tal-gass użati jsir skond ISO *standard* 4259 (1992).

Teħid ta' kampjuni ta' karburanti għal użu marittimu

(3) L-Awtorità kompetenti għandha tieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex tiżgura li l-kontenut ta' kubrit fil-karburanti għal użu marittimu jkun jikkonforma mad-disposizzjonijiet relevanti tar-regolamenti 8 u 9.

(4) L-awtorità kompetenti għandha:

(a) skond il-linji gwida ta' l-OMI, tikseb kampjuni u tanalizza l-kontenut tal-kubrit fil-karburant għal użu marittimu għall-kombustjoni abbord meta dan ikun qiegħed jiġi kunsinnat lill-bastiment;

(b) tikseb kampjuni u tanalizza l-kontenut tal-kubrit fil-karburant għal użu marittimu għall-kombustjoni abbord li jkun qiegħed f'tankijiet, meta jkun possibbli, u f'kampjuni siġillati tal-*bunker* abbord il-bastimenti;

(ċ) tispezzjona l-ġurnali uffijali ta' abbord u tan-noti ta' kunsinna tal-*bunker*.

(5) It-teħid ta' kampjuni mill-Awtorità kompetenti għandu jsir bi frekwenza suffiċjenti, fi kwantitajiet suffiċjenti, u b'tali mod li l-kampjuni jkunu rappreżentattivi tal-karburant eżaminat, u tal-karburant li jkun qiegħed jintuża mill-bastimenti meta dawn ikunu fiż-żoni ta' ibħra, fil-portijiet u fil-passaġġi ta' l-ilma interni relevanti.

L-Awtorità kompetenti għandha tieħu wkoll il-miżuri raġonevoli, skond ir-rekwiżiti tal-każ, sabiex tissorvelja l-kontenut ta' kubrit fil-karburanti għal użu marittimu barra minn dawk li għalihom japplikaw ir-regolamenti 8 u 9 ta' dawn ir-regolamenti.

(6) L-Awtorità Marittima ta' Malta għandha, waqt l-ispezzjonijiet ta' Kontroll Portwali ta' Stat li hija tagħmel skond l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili, u kull regolamenti magħmulin taħtu, tikseb kampjuni siġillati tal-*bunker* minn fuq bastimenti suġġetti għall-Anness VI tal-MARPOL, skond ma jista' jkun miftiehem ma' l-Awtorità kompetenti u tgħaddihom lill-istess Awtorità kompetenti. L-Awtorità Marittima ta' Malta għandha wkoll tagħmel kull xogħol ieħor skond ma' jista' jiġi miftiehem ma' l-awtorità kompetenti biex tassistiha fl-eżerizzju tal-funzjonijiet tagħha.

Provi u użu ta' teknoloġiji ġodda li jnaqqsu l-emissjonijiet.

12. (1) L-Awtorità kompetenti tista', flimkien ma' l-Awtorità Marittima ta' Malta u b'koperazzjoni ma' l-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra, skond kif xieraq, tapprova l-użu bi prova ta' teknoloġiji li jnaqqsu l-emissjonijiet ta' bastimenti fuq bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom, jew f'żoni ta' baħar taħt il-ġurisdizzjoni ta' Malta.

(2) Matul dawn il-provi l-użu ta' karburanti għal użu marittimu li jikkonformaw mar-rekwiżiti tar-regolamenti 8 u 9 ma għandux ikun obbligatorju, bil-kundizzjoni li:

(a) il-Kummissjoni u kull Stat Portwali konċernat jiġu notifikati bil-miktub ta' l-inqas sitt xhur qabel ma jibdew il-provi;

(b) il-permessi għall-provi ma jeċċedux 18-il xahar fit-tul;

(ċ) il-bastimenti kollha involuti jiġu mgħammra b'tagħmir protett mit-tbagħbis għas-sorveljanza kontinwa ta' emissjonijiet ta' gass miċ-ċumnija u jużawh matul il-perjodu ta' prova kollu;

(d) il-bastimenti kollha involuti jiksbu tnaqqis fl-emissjonijiet li jkun ta' l-inqas ekwivalenti għal dak li jkun jintlaħaq bl-imposizzjoni tal-limiti fuq il-kubrit fil-karburant speċifikati f'dawn ir-regolamenti;

(e) matul il-perjodu tal-prova kollu jkun hemm sistemi tajbin għall-immaniġġjar ta' l-iskart għal kull skart ġenerat mit-teknoloġiji li jnaqqsu l-emissjonijiet;

(f) matul il-perjodu tal-prova kollu ssir stima ta' l-impatti fuq l-ambjent għal użu marittimu, b'mod partikolari fuq l-ekosistemi f'portijiet u estwarji magħluqa; u

(g) fis-sitt xhur wara t-tmiem tal-provi, ir-riżultati kompleti jingħataw lill-Kummissjoni u jingħata aċċess għalihom lill-pubbliku.

(3) It-teknoloġiji li jnaqqsu l-emissjonijiet għall-bastimenti li jtajru l-bandiera Maltija għandhom jiġu approvati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 2099/2002, waqt li jitqiesu:

(a) linji gwida li għandhom jiġu żviluppati mill-OMI;

(b) ir-riżultati ta' kull prova magħmula skond is-subregolament (1) ta' dan ir-regolament;

(ċ) l-effetti fuq l-ambjent, inkluż it-tnaqqis ta' l-emissjonijiet li jista' jintlaħaq, u l-impatti fuq l-ekosistemi f'portijiet u estwarji magħluqa;

(d) tal-vijabbilità tas-sorveljanza u tal-verifiki.

(4) Bħala alternattiva għall-użu ta' karburanti għal użu marittimu b'kontenut ta' kubrit baxx li jikkonformaw mar-rekwiżiti tar-regolamenti 8 u 9 ta' dawn ir-regolamenti, bastimenti jistgħu jiġu permessi mill-Awtorità kompetenti, li jużaw xi teknoloġija approvata għat-tnaqqis ta' emissjonijiet, kemm-il darba dawn il-bastimenti:

(a) kontinwament jiksbu tnaqqis fl-emissjonijiet li jkun mill-inqas ekwivalenti għal dak li jkun inkiseb permezz tal-limiti fuq il-kubrit fil-karburanti speċifikati f'dawn ir-regolamenti;

(b) ikollhom apparat installat li jikkontrolla kontinwament l-emissjonijiet; u

(ċ) jiddokumentaw b'mod rigoruż li kull fluss ta' skart rilaxxjati f'portijiet u estwarji magħluqa ma jkollhom ebda impatt fuq l-ekosistemi, u dan skond kriterji komunikati mill-awtoritajiet ta' l-istati portwali lill-OMI.

Reati Kriminali

13. (1) Persuna tkun ħatja ta' reat kontra dawn ir-regolamenti jekk:

(a) tonqos milli tħares xi disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti jew tonqos milli tħares xi deiżjoni jew direttiva ta'

l-Awtorità kompetenti jew ta' xi ordni leġittimament mogħtija skond xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti; jew

(b) tassoċja ruħha ma', jew tgħin, jew tħajjar, lil xi persuna oħra b'liema mezz ikun, biex tonqos milli tħares xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti jew kull ordni mogħti leġittimament skond xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti.

Pieni.

(2) Kull min jagħmel reat kontra dawn ir-regolamenti jista', meta jinsab ħati, u sakemm ma jkunx speċifikament provdut xort'oħra f'dawn ir-regolamenti, jeħel multa ta' mhux inqas minn għaxart elef euro (€10,000) iżda mhux iżjed minn disgħa u sittin elf u tmien mitt euro (€69,800) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tmintax-il xahar jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Iżda kull meta persuna tinsab ħatja li tkun għamlet xi reat kontra dawn ir-regolamenti permezz ta' xi vettura, is-sid ta' dik il-vettura jkun responsabbli bl-istess mod u fl-istess grad.

Iżda wkoll il-qorti għandha tordna lil kull min ikun instab ħati li għamel reat kontra dawn ir-regolamenti li jħallas dawk l-ispejjeż li l-awtorità kompetenti u, jew xi persuni oħra mqabbda minnha biex jaġixxu f'isimha tkun għamlet, ir-revoka tal-permess maħruġ mill-awtorità kompetenti tkun liema tkun, u l-konfiska tal-*corpus delicti*.

(3) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 23 u s-subartikolu (1) ta' l-artikolu 30 tal-Kodiċi Kriminali għandhom, *mutatis mutandis*, ikunu japplikaw għal proċedimenti dwar reati kontra dawn ir-regolamenti, b'dan illi l-iskwalifika milli persuna jkollha jew tikseb liċenzja, permess jew awtorità m'għandha f'ebda każ tkun għal anqas minn sena.

(4) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 370 tal-Kodiċi Kriminali, il-proċedimenti dwar reat kontra dawn ir-regolamenti għandhom isiru quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), skond ma jista' jkun il-kaz, u għandhom ikunu skond id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali li jirregolaw il-proċedura quddiem dawk il-qrati ta' ġudikatura kriminali.

(5) Minkejja d-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali, l-Avukat Ġenerali għandu dejjem ikollu dritt ta' appell quddiem il-Qorti ta' Appell Kriminali minn kull sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew mill-Qorti tal-Magistrati (Għawdex) dwar proċedimenti għal xi reat kontra dawn ir-regolamenti.

14. L-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi tista' timponi multa amministrattiva lil kull persuna li tikser xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti jew li tonqos milli tikkonforma ma' xi direttiva jew deċiżjoni mogħtija mill-Awtorità biex tiżgura konformità ma' dawn ir-regolamenti. Multi amministrattivi.

L-EWWEL SKEDA

SPEĊIFIKAZZJONIJIET GĦAL ŻJUT FIS-SUQ LI GĦANDHOM JINTUŻAW GĦAL VETTURI EKWIPAĠĠATI MINN *POSITIVE-IGNITION ENGINES*

(Regolament 4 (2))

Parametru[1]	Limiti[2]
Numru ta' riċerka ottan	**>95[3]**
Numru ta' mutur ottan	**>85**
Pressjoni tal-*vapour* , fil-perjodu tas-sajf[4]	**<60.0 kPa**
Distillazzjoni	
– perċentaġġ evaporat mal-100°C	**>46.0% v/v**
– perċentaġġ evaporat mal-150°C	**>75.0% v/v**
Analiżi ta' l-idrokarburi	
– *olefins*	**<18.0% v/v**
– aromatiċi	**<35.0% v/v**
– *benzene*	**<1.0% v/v**
Kontenut ta' l-ossiġnu	**<2.7% m/m**
gum content* eżistenti *(maħsul b'solvent)	**<5mg/100ml**
Ossiġenati	

[1] Il-metodi ta' l-ittestjar għandhom ikunu dawk speċifikati f'MSA EN 228:2004. L-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi tista' tadotta il-metodu analitiku speċifikat flok l-i*standard* MSA EN 228:2004 jekk ikun jista' jiġi muri li jagħti għall-inqas l-istess akkuratezza u għall-inqas l-istess livell ta' preċiżjoni ta' l-istess metodu analitiku li jkun qed jieħu postu.

[2] Il-valuri msemmija fl-ispeċifikazzjoni huma "true values". Fid-determinazzjoni tal-valuri limiti tagħhom, it-termini ta' ISO 4259 "Petroleum products – Determination and application of precision data in relation to methods of test" ġew applikati u meta ġie għall-iffissar ta' valur minimu,, differenza minima ta' 2R iktar miż-żero ġie tenut kont tagħha (R = riproduċibilità). Ir-riżultati ta' kejl individwali għandhom jiġu interpretati skond il-kriterji msemmija f'ISO 4259 (pubblikat fl-1995).

[3] L-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi tista' tiddeċiedi li jitħalla li jitqiegħed fis-suq petrol ta' mingħajr ċomb ta' grad regolari b'numru ta' mutur minimu ottan (MON) ta' 81 u numru ta' riċerka minimu ottan (RON) ta' 91.

[4] Il-perjodu tas-sajf għandu jiġi meqjus li jibda fl-1 Mejju u jispiċċa fi 30 ta' Settembru.

Parametru[1]	Limiti[2]
– Metanol (Aġenti stabbilizzanti għandhom jiġu miżjuda)	<3% v/v
– Etanol (Aġenti stabbilizzanti għandhom jiġu miżjuda)	<5% v/v
– Iso-propyl alkoħol	<10% v/v
– Tert-butyl alkoħol	<7% v/v
– Iso-butyl alkoħol	<10% v/v
– Etere li jkollhom ħamsa jew iktar atomi tal-karbonju għal kull Molekula	<15% v/v
– Ossiġenati oħra[5]	<10% v/v
Kontenut tal-kubrit	<10 mg/kg
Kontenut taċ-ċomb	<0.005 g/l

[5] Mono-alkoħoliċi u etere oħra meta jiflaħ jagħli l-iktar ta' mhux iżjed minn dak imsemmi f'MSA EN 228:2004.

IT-TIENI SKEDA

SPEĊIFIKAZZJONIJIET GĦAL ŻJUT FIS-SUQ BIEX JINTUŻAW MINN VETTURI EKWIPPAĠĠATI B'*COMPRESSION-IGNITION ENGINES*

(Regolament 5 (1))

Parametru[6]	Limiti[7]
Numru ċetan	**>51.0**
Densità mal-15°C	**<845 Kg/m^3**
Distillazzjoni **– 95% (v/v) irkuprati mal-**	**<360°C**
Idrokarburi aromatiċi poliċikliċi	**<11% m/m**
Kontenut tal-kubrit	**<10 mg/kg**
Kontenut ta' l-ilma	**<200mg/kg**
Kontaminazzjoni totali	**<24mg/kg**
Kontenut ta' Fatty Acid Methyl ester (FAME)[8]	**<5% (V/V)**

[6] Il-metodi ta' l-ittestjar għandhom ikunu dawk speċifikati f'MSA EN 590:2004. L-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi tista' tadotta il-metodu analitiku speċifikat flok l-*standard* MSA EN 590:2004 jekk ikun jista' jiġi muri li jagħti għall-inqas l-istess akkuratezza u għall-inqas l-istess livell ta' preċiżjoni ta' l-istess metodu analitiku li jkun qed jieħu postu.

[7] Il-valuri msemmija fl-ispeċifikazzjoni huma "true values". Fid-determinazzjoni tal-valuri limiti tagħhom, it-termini ta' ISO 4259 "Petroleum products – Determination and application of precision data in relation to methods of test" ġew applikati u meta ġie għall-iffissar ta' valur minimu,, differenza minima ta' 2R iktar miż-żero ġie tenut kont tagħha (R = riproduċibilità). Ir-riżultati ta' kejl individwali għandhom jiġu interpretati skond il-kriterji msemmija f'ISO 4259 (pubblikat fl-1995).

[8] FAME għandu jikkonforma mal-ħtiġijiet ta' MSA EN 14214